**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

**MAGISTRAT**
**DR. CAROLINE FARRUGIA FRENDO**
***B.A. (Legal and Humanistic Studies), LL.D.,***
***M.Juris (International Law), Dip. Trib. Eccl. Melit.***

**Rikors numru: 296/2017 CFF**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Charlotte Curmi)**
**vs**
**Ronald Apap**

**Illum 13 ta' Frar, 2020**

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Ronald Apap detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 150470M

Akkuzat talli bejn is-sena 2012 u 2017 gewwa l-Mqabba, talli b'diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmulin b'rizoluzzjoni wahda (Art 18 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta).

1. Billi huwa akkuzat talli bejn il-5 ta' Frar, 2012 u 5 ta' Frar, 2017, gewwa r-residenza 10, Blue Cave Triq il-Hajt tal-Matla, Mqabba, ikkommetta serq ta' elettriku, ghad-detriment ta' Enemalta u/jew persuna/i ohra, liema serq huwa aggravat bil-valur, bil-mezz, bil-hin u bil-lok u dan bi ksur ta' l-artikolu 261, 263, 267, 269, 270 u 279 (B), tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. U aktar talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi, volontarjament ghamel hsara, jew kisser xi parti minn xi meter ta' l-elettriku, jew sigilli tieghu, jew xi parti minn xi

apparat jew gumni wzati fil-provvista ta' l-elettriku, jew is-sigilli taghhom, u dan bi ksur ta' l-artikolu 326(1)(f) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

3. Kif ukoll, sar recidiv ai termini ta' l-artikoli 49, 50, u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat li l-Ufficjal Prosekutur qrat u kkonfermat bil-gurament l-akkuzi fil-konfront ta' l-imputat fis-seduta datata 5 t'Ottubru, 2017.

Rat l-atti tal-kawza u d-dokumenti ezebiti u cioe', estratt mill-att tac-certfikat tat-twelid tal-imputat, fedina penali tal-imputat, current incident report, stqarrija tal-imputat immarkata bhala Dok CC1, dritt tal-Avukat immarkat bhala Dok CC2, talba ghal azzjoni kriminali mmarkata bhala Dok CC3, tmien ritratti mmarkati bhala Dok JZ1 sa Dok JZ8, sentenza datata 9 ta' Frar, 2010 mmarkata bhala Dok CC4, sentenza datata 21 ta' Frar, 2012 immarkata bhala Dok CC5, kopja ta' verbal datat 21 ta' Marzu, 2018 immarkat bhala Dok JB1, kopja ta' nota mmarkata hala Dok JB2, kwerela datata 19 ta' Mejju, 2017 immarkata bhala Dok MB1, dokument mill-ARMS immarkat bhala Dok RA1, kont ta' Settembru, 2019 immarkat bhala Dok ARMS1, dokument immarkat bhala Dok ARMS2, kont minn Dicembru 2016 sa Frar 2017 immarkat bhala Dok ARMS3, dokument immarkat bhala Dok ARMS4, kont minn Dicembru 2017 sa Frar 2018 immarkat bhala Dok ARMS5, dokument immarkat bhala Dok ARMS6, dokument immarkat bhala Dok ARMS7, dokument immarkat bhala Dok ARMS8, kont minn Jannar, 2017 sa Marzu, 2017 immarkat bhala Dok ARMS9, dokument immarkat bhala Dok ARMS10, dokument immarkat bhala Dok ARMS11, dokument immarkat bhala Dok ARMS12.

Semghet ix-xhieda tal-Prosekuzzjoni, u cioe' lil PS 1227 Malcolm Pace, David Scicluna, Joseph Zammit, Michael Buttigieg, Spettur Charlotte Curmi, Katya Axiaq,

**PS 1227 Malcolm Pace**, jghid li fis-17 ta' Mejju, 2018 ghal habta ta' 1:35 p.m. certu Joseph Zammit fil-kapacita tieghu bhala senior tradesman mal-kumpanija Enemalta plc mar jirraporta l-ghassa stante li fil-4 ta' Frar, 2018 kien mar jaghmel spezzjoni gewwa l-fond 10, Blue Cave, Triq il-Hajt tal-Matla, Mqabba fejn kien jghix certu Ronald Apap u xtaq jirraporta li kien hemm xi suspett ta' tbghabis fil-meter tad-dawl. Fuq din l-

ispezzoni kien mar certu David Scicluna wkoll. Joseph Zammit u David Scicluna sabu lli s-service box kien tampered. PS 1227 Malcolm Pace jikkonferma li Ronald Apap kienet ittiehditlu stqarrija wara li nghata s-solita twissija.

**David Scicluna**, huwa surveillance officer mal-Enemalta. Jghid li huwa mar jaghmel rapport gewwa l-Ghassa taz-Zurrieq. Jispjega li hu u l-kollega tieghu marru gewwa 10, Blue Cave, Triq tal-Hajt il-Matla, Mqabba sabiex jaghmlu spezzjoni tal-arlogg. Ghal bidu Ronald Apap irrifjuta u ma dahhalhomx lis-sinjuri, izda wara ftit, dawn is-sinjuri dahlu u ghamlu l-ispezzjoni taghhom fejn sabu li l-arlogg kien intmess.

**Joseph Zammit**, huwa senior distribution tradesman mal-Enemalta u fis-17 ta' Mejju, 2017 mar jaghmel rapport l-Ghassa tal-Pulizija taz-Zurrieq stante li fil-5 ta' Frar kien ircieva telefonata sabiex imur jaghmel spezzjoni gewwa 10, Blue Cave, Hajt tal-Matla, Mqabba sabiex jara l-arlogg tad-dawl. Is-sid, Ronald Apap ma riedx jiftah u jhallih jidhol jaghmel l-ispezzjoni, izda wara ftit, dahlu mill-garaxx. Joseph Zammit, mill-ewwel induna li d-dawl kien maqtugh remotely li jkun maqtugh mill-Enemalta. Kif fetah is-service box sab il-phase wire kien kollu ppitjat li jindika li kien hemm by-passing ta' meter, li jfisser li jittiehed id-dawl minghajr ma jkunx irregistrat. Pero' ma setax jikkonferma li kien qed jinsteraq id-dawl, sa dak il-hin.

**Michael Buttigieg**, jahdem gewwa r-Revenue Assurance fejn meta jidhol rapport ta' rregolaritajiet fid-dawl, jaghmel stima u johrog kwerela, jghamel kuntatt mal-konsumatur biex jigi l-ufficju halli flimkien jaraw jekk jistax jinstab ftehim. Jikkonferma li hu kien hareg il-kwerela minhabba li meta l-inspectors marru gewwa l-fond 10, Blue Cave, Triq il-Hajt tal-Matla, Mqabba, saru xi rregolaritajiet fis-sistema tad-dawl. Ikunu jafu li hemm irregolaritajiet ghaliex jikkalkulaw x'dawl jintuza gewwa l-fond u kemm ghandu jigi uzat dawl minn persuna fuq bazi regolari.

**Spettur Charlotte Curmi**, tikkonferma li fis-17 ta' Mejju, senior tradesman fi hdan l-Enemalta, Joseph Zammit irraporta gewwa l-Ghassa taz-Zurrieq li flimkien mal-kollega tieghu David Sciberras, kienu ghamlu spezzjoni gewwa 10, Blue Cave, Triq il-Hajt tal-Matla, Mqabba fejn jghix certu Ronald Apap fejn sabu li kien hemm hsarat fil-meter tad-

dawl. Fid-19 ta' Mejju 2017 saret kwerela minn naha ta' Michal Buttigieg u Antoine Busuttil fejn talbu lill-Ispettur tiehu passi kontra Ronald Apap.

Rat in-nota tar-Rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali datata tletin (30) ta' Novembru, elfejn u sbatax (2017) fejn huwa dehrlu li tista' tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub:

- Fl-Artikoli 17 u 31 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 18, 261(b), 261(c), 261(e), 261(f), 263, 264, 267, 269, 270, 278(3), 279(b), u 280(2) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikoli 18 u 326(1)(f) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li fil-verbal tal-1 ta' Frar, 2018 il-Qorti qrat l-artikoli fejn l-imputat wiegeb li huwa m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jinstema' bi procedura sommarja.

**Michael Buttigieg,** rega' xehed fis-6 ta' Dicembru, 2018, u kkonferma li sa dak inhar, is-sur Ronald Apap kien ghadu ma avvicinax l-ufficju tal-Enemalta sabiex isir xi ftehim maghhom. Mistoqsi in kontro-ezami jekk fil-31 ta' Mejju, 2017 Ronald Apap kienx ghamel arrangament mal-ARMS, Michael Buttigieg jinnega stante li l-ewwel isir il-ftehim mad-Dipartiment taghhom, umbghad huma jghadduhom lill-ARMS.

**Katya Axiaq**, in rapprezentanza tal-ARMS, ipprezentat diversi kontijiet ta' Ronald Apap u hlasijiet li saru fosthom hemm wiehed li jkopri d-data sat-2017 fejn jidher li l-Enemalta kienu qalghu il-meter tad-dawl minn fuq il-post. L-agreements ipprezentati huma kollha fuq konsum, meter rents u interessi, izda m'hemm xejn dwar multi minn entitajiet ohra.

Saret it-trattazzjoni mid-Difiza.

**Ikkunsidrat:**

Illi dan il-kaz jirrigwarda rapport li sar wara spezzjoni minn haddiema tal-EneMalta gewwa residenza fl-Imqabba. Illi mill-ispezzjoni li saret f'din ir-residenza sabu li xi hadd kien nehha gromets li dawn jitpoggew mill-haddiema tal-Enemalta bhala mezz ta' sigurta sabiex ma jidhlux insetti jew xi hadd idahhal xi haga fil-meter. Raw ukoll li fejn jidhol il-phase wire kien 'pitjat' u cioe' sinjali ta' sparks. Illi skont il-haddiema tal-EneMalta dan il-'pitting' jindika li xi hadd prova jaghmel by-passing tal-meter sabiex ikollu eletriku minghajr ma jigi registrat il-konsum. Illi dan il-meter kien jinstab gewwa residenza li fiha kien jghix Ronald Apap u dan hareg mill-fatt li kien huwa l-persuna li fetah din ir-residenza sabiex jidhlu gewwa fiha l-haddiema tal-EneMalta. Skont l-informazzjoni li kellhom il-haddiema f'din ir-residenza ma kienx hemm dawl minhabba li suppost kien inqata' mis-sistema tal-EneMalta.

**Ikkunsidrat:**

Huwa principju baziku ipprattikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali, li biex persuna tigi ddikjarata hatja, l-akkuza dedotta, ghandha tigi ppruvata oltre kull dubbju ragjonevoli, cioe' oltre kull dubbju dettat mir-raguni.

Issir referenza ghas-sentenza moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-hamsa ta' Dicembru, 1997*** fl-ismijiet **Il-Pulizija v Peter Ebejer**, fejn dik il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubbju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubbju. Id-dubbji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubbji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l-gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-bon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak l-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni. Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minn **Lord Denning** fil-kaz ***Miller v Minister of Pension*** - 1974 - ALL Er 372 tal-espressjoni 'proof beyond a reasonable doubt.'

> *"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed*

*with the sentence. 'of course it is possible but not in the least probable', the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice."*

Fis-Sentenza moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-hamsa ta' Ottubru, 1998*** fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Joseph Gauci et,** fejn gie ritenut li:

> *"Circumstantial evidence is often the best. It is evidence of surrounding circumstances which by undersigned coincidence is capable of proving a proposition with the accuracy of mathematics."*

Fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Graham Charles Ducker (*Qorti tal- Appell Kriminali-deciza fid-dsatax ta' Mejju, 1997)*** gie ritenut illi:

> *"it is true that conflicting evidence per se does not necessarily mean that whoever has to judge may not come to a conclusion of guilt. Whoever has to judge may, after consideration of all circumstances of the case, dismiss one version and accept as true the opposing one."*

Huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-akkuzi addebitati lil imputat huma veri u dan ghaliex kif jirritjeni il-**Manzini** fil-ktieb tieghu ***Diritto Penale Vol III Kap IV pagna 234, Edizione 1890***:-

> *"il cosi' detto onero della prova, cioe' il carico di fornire,spetta a chi accusa - onus probandi incumbit qui osservit".*

Illi ghandu jinghad ma' dak li gie msemmi hawn fuq il-Ligi fejn jidhol is-serq ta' dawl bhal ma hu f'dan il-kaz, il-principju fejn il-posekuzzjoni ghandha tressaq l-ahjar prova jibqa'. Illi f'dawn ic-cirkostanzi l-oneru tal-prova titfa' piz enormi fuq l-imputat. Illi l-imputat jinsab mixli bir-reat tas-serq tal-elettriku kif ukoll b'dak tal-hsara volontarja fuq il-meter tad-dawl bhala mezz ghal fini tal-kummissjoni tas-serq. L-artikolu 264(1) u (2) tal-Kodici Kriminali li jittratta t-tifsira ta' 'ksur' ai fini tal-aggravju tal-mezz taht it-Titolu tas-serq, jikkwalifika dan ir-reat u johloq prezunzjoni marbuta ma dan ir-reat:

> *Bla ħsara tad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 326, kull ksur, tagħwiġ, qligħ jew sgassar ta' kanni tas-servizz pubbliku tal-ilma jew tas-servizz tal-gass, jew tal-fili jew gumni tas-servizz elettriku, jew tal-meters ta' dawn is-servizzi, jew ta' xi siġill ta' xi meter, magħmul sabiex isir tniffid illeġittimu ma' dawn il-kanni, fili,*

*jew gumni, jew l-eżistenza ta' xi mezz qarrieq kif imsemmi fis-subartikolu (2), jitqies ukoll li huwa "ksur".*

*(2) Fil-każ ta' ksur ta' kanni tas-servizz pubbliku tal-ilma jew tas-servizz tal-gass, jew ta' fili jew gumni tas-servizz elettriku, jew tal-meters tagħhom, jew ta' xi siġill ta' xi meter, jew fil-każ tal-eżistenza ta' mezzi qarrieqa li bihom wieħed jista' jkollu l-użu jew il-konsum illeġittimu ta' dan l-ilma, gass, jew kurrent elettriku, jew li bihom jista', jwaqqaf jew ibiddel il-kejl jew markar fil-meter tal-kwantità meħuda jew ikkunsmata, jitqies, sakemm ma jiġix ippruvat il-kuntrarju, bħala prova illi d-detentur tal-fond jew il-persuna li jkollha f'idejha l-fond fejn ikunu jinsabu dawk il-ksur jew il-mezzi qarrieqa, jaf jew taf b'dan l-użu jew konsum ta' ilma, gass jew kurrent elettriku, skont ma jkun il-każ.*

Illi ghandu jinghad li din il-Qorti hija tal-fehma li mill-provi mressqa jirrizulta mingħajr dubju li l-meter li kien jinstab fil-fond gewwa l-Imqabba, sarulu affarijiet sabiex isir serq tal-elettriku. Illi mix-xhieda mghotija mill-haddiema tal-EneMalta li marru fuq il-post raw li tnehhew *gromets* li jitwahhlu mill-haddiema tal-EneMalta meta jinghata l-meter. Irrizulta wkoll li kien hemm xi pitting meta tnehha l-phase wire li dan iffisser li kien hemm forma ta' by-passing halli kurrent tal-elettriku ma jigix irregistrat ghal konsum.

Illi dan il-meter kif inghad instab fir-residenza fejn kien jabita l-imputat u dan kif huwa stess qal meta sarlu l-ezami fil-5 t'Ottubru 2017 (a fol 23) li huwa jghix gewwa l-Imqabba fl-indirizz fejn kien instab il-meter. Illi ghalhekk minghajr dubju ta' xejn il-prosekuzzjoni irnexxiela tipprova li l-persuna li kellha access ghal dan il-meter kien l-istess imputat u cioe' Ronald Apap. Dan jikkonferma li fi zmien l-ispezzjoni kien fil-fatt l-imputat stess li fetah u ta l-access ghar-residenza tieghu lill-istess impjegati tal-EneMalta sabiex jispezzjonaw il-meter. Illi ta' min jghid ukoll li l-istess impjegati tal-Enemalta kienu innotaw dawl fir-residenza u sakemm dahlu gewwa d-dawl inqata'. Illi skont ma' ntqal fix-xhieda is-servizz tad-dawl kien inqata' remotely mill-kumpanija minhabba nuqqas ta' hlas tas-servizz tad-dawl.

Issa s-subartikolu (2) ta' l-Artikolu 264 tal-Kodici Kriminali johloq presunzjoni li titfa l-oneru tal-prova ta' fatt partikolari – cioe` il-fatt jekk l-imputat kienx jaf bl-uzu jew konsum illegali ta' ilma, gass jew kurrent elettriku – fuq l-imputat. Jekk l-imputat ikun

jaf, jew hu presunt li kien jaf, b'dak il-konsum illegali allura r-reat ta' serq ikun imputabbli lilu, immaterjalment allura mill-mument li sehh l-att konsumattiv tar-reat. Illi mill-provi mressqa jidher bic-car kif inghad hawn fuq li l-imputat kellu fil-pussess tieghu dak il-fond fejn instab il-meter imbghabas. Fil-fatt l-imputat ma gab ebda prova in sostenn ta' din il-prezunzjoni hekk kif tidher fl-artikolu 264 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi l-unika sottomissjoni li saret kienet fit-trattazzjoni meta l-imputat ressaq il-fatt li skont hu l-prosekuzzjoni ma resqet ebda prova li huwa kien is-sid tal-post. Ghall-kuntrarju, dan il-fatt li gie mqanqal mid-difiza, gie fil-fatt pruvat kemm mill-fatt li l-imputat ikkonferma li huwa jabita fl-indirizz fejn instab il-meter kif ukoll anki mid-dokumenti esebiti juru li l-imputat jghix f'dan l-indirizz (vide licenzja tas-sewqan a fol 103). Illi ma' dan ukoll hemm fix-xhieda tal-istess David Scicluna (a fol 31) meta qal b'mod car li sabu lis-sinjur barra il-fond gewwa l-Imqabba fejn saret l-ispezzjoni tal-meter. Illi madankollu l-imputat ma ressaqx prova in difeza fejn jistqarr illi l-propjeta in kwistjoni ma kinitx fil-pussess tieghu meta l-att materjali tar-reat sehh u cioe' bejn il-perijodu indikat fl-akkuzi kontra tieghu. Illi ghalhekk minghajr dubju l-prosekuzzjoni irnexxiela tipprova li kien fil-fatt l-istess imputat li wettaq is-serq tad-dawl ghad-detriment tal-kumpanija EneMalta.

**Ikkunsidrat:**

Illi fejn tidhol l-akkuza tal-hsara volontarja fil-meter tad-dawl mill-provi mressqa mill-prosekuzzjoni u tenut kont ukoll ghal dak li hemm fl-artikolu 17 (h) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, dan ir-reat ser jitqies bhala mezz ghall-fini tar-reat ikkwalifikat tas-serq.

**Ikkunsidrat:**

**L-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta**

Illi l-imputat qieghed jigi akkuzat ukoll bi ksur tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Dawn l-artikoli jitkellmu dwar ir-recidiva u l-effett taghha u f'dan il-kaz ir-recidiva hija reat u akkuza per se u ghalhekk titlob li tingieb l-ahjar prova sabiex jigi zgurat li persuna tinstab htija jew le skont il-kaz. F'dan ir-rigward issir referenza ghas-sentenza fl-ismijiet *Il-Pulizija vs Abela Paul* moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali

(Sede Inferjuri) nhar l-10 ta' Settembru, 2004 per Onor. Imhallef David Scicluna fejn insibu s-segwenti dictum:

> *L-appellant gie akkuzat ukoll li sar recidiv in vista tas-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati ta' l-1 ta' Lulju 1997. Issa, fis-sentenza fl-ismijiet Il-Pulizija vs Jason James Agius moghtija minn din il-Qorti fil-5 ta' Novembru 2001, gie ritenut:*
>
> *"Bhal ma dejjem gie ritenut, l-ahjar prova sabiex tigi ppruvata xi akkuza bhal dawn in kwistjoni hi li tigi esebita kopja ufficjali tas-sentenza relattiva, u wara ssir il-prova ta' l-identita` ... l-obbligu tal-prosekuzzjoni li tesebixxi dawk is-sentenzi jibqa' dejjem, minkejja l-esenzjoni moghtija mill-akkuzat li tipproduci prova ta' l-identita`.*
>
> *Jekk ma tigix esebita jew prodotta tali prova permezz tal-kopja ufficjali tas-sentenza li tissemma fl-akkuza, allura wiehed ma jistax jghid li saret l-ahjar prova dwar jekk verament precedentement l-appellant kienx ikkommetta xi reat iehor li tieghu gie misjub hati ...."*

U fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Zahra** moghtija minn din il-Qorti fl-24 ta' Frar 2003, intqal:

> *"Ghalkemm il-fedina penali tista' tittiehed in konsiderazzjoni mill-Qrati ta' Gustizzja Kriminali biex ikunu jistghu jikkalibraw il-piena, l-imputazzjoni tar-recidiva dejjem tinnecessita li ssir il-prova tal-kundanna jew kundanni precedenti; tali prova ssir permezz ta' kopja legali tas-sentenza jew sentenzi precedenti kif ukoll billi jigi ppruvat a sodisfazzjoni tal-qorti - permezz ta' xhieda jew minn ezami tal-istess sentenza jew sentenzi (jekk din jew dawn ikunu jaghtu l-konnotati mehtiega tal-persuna kkundannata) jew minn ezami tal-atti tal-kawza ta' dik is-sentenza jew ta' dawk is-sentenzi precedenti - li dawk is-sentenzi jirreferu ghall-persuna li tkun qed tigi akkuzata bir-recidiva."*

Illi f'din il-kawza gew esebiti kopji legali ta' zewg sentenzi fejn l-imputat kien gie ikkundannat (a fol 66) ghal hlas ta' ammendi u applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 466. Illi f'dan il-kaz ir-recidiva ma tistax tigi applikata la l-Artikolu 50 jew it-289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Filwaqt fit-tieni sentenza esebita (a fol 68) jidher li n-

numru tal-karta tal-identita' hija tal-imputat) u ghalhekk f'dan il-kaz skont ma' hemm fis-sentenzi esebiti jidher b'mod car li qieghdin jaghmlu referenza ghall-istess imputat. Illi minn tali sentenza huwa kien wehel multa wara sejbien ta' htija fuq offiza ta' natura hafifa. Illi ghalhekk l-applikazzjoni tal-Artikolu 289 f'dan il-kaz ma jistax jigi applikat.

Illi ghalhekk imiss jekk f'dan il-kaz is-sejbien ta' htija fuq serq ta' dawl jekk tistax tigi applikata r-recidiva. L-artikolu 49 jghid espressament li:

> *(1) Persuna titqies reċidiva jekk, wara li tkun ġiet ikkundannata għal reat b'sentenza, ukoll meta mogħtija minn qorti barranija li tkun għaddiet f'ġudikat,* ***tagħmel reat ieħor****.*

Illi f'dan il-kaz l-imputat Ronald Apap instab hati ta' serq ta' dawl. L-unika sentenza minn dawk li gew esebiti l-imputat kien gie misjub hati fil-21 ta' Frar 2012 fejn kien gie ikkundanat ihallas multa. Illi ghalhekk fuq dak li jghid l-Artikolu 49 jekk persuna tkun giet ikkundannata ghal reat u terga' taghmel reat iehor, tigi misjuba hatja ta' recidiva jekk jigi pruvat. Illi mis-sentenzi esebiti juri bic-car li l-imputat kien gie misjub hati u ghalhekk tali sentenza saret definittiva. Illi fuq dak li jghid l-Artikolu 49 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u minn dak li hemm fis-sentenzi esebiti, din il-Qorti qieghda ssib lill-imputat Ronald Apap hati talli rrenda ruhhu recidiv ai terminu tal-Artikolu 49 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi ghalhekk jibqa' dak li hemm fl-Artikolu 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta dwar l-effett tar-recidiva f'delitt. Illi f'dan il-kaz l-Artikolu 50 jghid:

> ***50.*** *Meta persuna ikkundannata għal delitt, tagħmel delitt ieħor fi żmien għaxar snin minn dak in-nhar li tkun skontat jew tkun ġiet maħfura l-piena, jekk iż-żmien ta' dik il-piena kien iżjed minn ħames snin, jew fi żmien ħames snin, fil-każijiet l-oħra kollha, tista' teħel piena akbar bi grad wieħed mill-piena stabbilita għal dak id-delitt ieħor.*

Illi minn dik is-sentenza tal-21 ta' Frar 2012 ghalhekk din il-Qorti trid tara dwar dak li hemm fl-Artikolu 50 u f'dan il-kaz sabiex japplika dak li hemm f'dan l-artikolu f'kull kaz il-persuna trid tkun skontat il-piena taghha. Dak li hemm fl-Artikolu 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ma jhallix alternattiva lill-Qorti hlief li taghti lill-kliem tal-istess

artikolu t-tifsira naturali tieghu u cioe' li t-termini preskritti fl-artikolu 50 ghall-finijiet tal-awment tal-piena jiskattaw meta l-ewwel sentenza tkun giet skontata. Peress li s-sentenza ma tistax titqies skontata jekk il-multa ma tkunx giet mhallsa, jew konvertita fi prigunerija li tigi skontata u ghalhekk trid issir il-prova li tali multa kienet thallset mill-imputat. Illi ghalhekk jekk fil-kaz li ma jirrizultax li l-piena tal-multa tkun giet imhallsa l-awment fil-piena minhabba r-recidiva ma japplikax. Ghalhekk il-Qorti tikkonkludi li ma jistax isir zieda fil-piena minhabba recidiva fuq l-iskorta tas-sentenza tal-21 ta' Frar 2012 peress li ma jirrizultax li l-piena tal-multa imposta f'dik is-sentenza kienet giet mhallsa jew gie skontat xi perjodu ta' prigunerija minflok dik il-multa.

**Decide:**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-Artikoli 17, 18, 31, 49, 50, 289, 261(b), 261 (c), 261 (e), 261(f), 263, 264, 267, 269, 270, 278(3), 279 (b), 280 (2), 326(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta; ma ssibx lill-imputat hati tat-tielet (3) imputazzjoni u minnha tilliberah, issib lill-imputat hati tal-ewwel (1) u t-tieni (2) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu, izda fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet tikkundanna lill-imputat ghal perijodu ta' sena prigunerija, li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kodici Kriminali dan il-perijodu ta' prigunerija qed jigi sospiz ghal zmien sentejn mil-lum.

**Dr. Caroline Farrugia Frendo LL.D.**
**Magistrat**

**Nadia Ciappara**
**Deputat Registratur**